

Motiv invokat

- Ksur tad-dispożizzjonijiet magħqudin tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 46 tar-Regolament 2017/1001.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2018 – Zhadanov vs EUIPO (Scanner Pro)**(Kawża T-492/18)**

(2018/C 352/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Igor Zhadanov (Odessa, l-Ukraina) (rappreżentant: P. Olson, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "Scanner Pro" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 16 257 727

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 1812/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tirregista t-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni Nru 16 257 727 għal prodotti fil-Klassijiet 9 u 42;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2018 – Dermatest vs EUIPO (DERMATEST)**(Kawża T-495/18)**

(2018/C 352/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dermatest Gesellschaft für allergologische Forschung u. Vertrieb von Körperpflegemitteln mbH (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Bühlung u D. Graetsch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuža kkonċernata: ir-regiestrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "DERMATEST" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 17 542 986

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 426/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2018 – OCU vs BUR

(**Kawża T-496/18**)

(2018/C 352/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Organización de Consumidores y Usuarios (OCU) (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Martínez Martínez u C. López-Mélida de Ramón, avukati)

Konvenuta: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni finali (“Final Decision”) tad-19 ta’ ġunju 2018 tal-Bord tal-Appell tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni mogħtija fil-kuntest tal-Każ 54/2017 u intiża kontra l-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni;
- tikkundanna lill-“Bord tal-Appell tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni” għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt fundamentali fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ‘il quddiem il-“Karta”) u l-prinċipju ta’ rispett tad-drittijiet tad-difiża (dritt għal amministrazzjoni tajba hekk kif espress permezz tal-aċċess għal dokumenti għall-eżerċizzu leġittimu tad-drittijiet tad-difiża).

- F’dan ir-rigward, huwa sostnū li d-deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha il-Bord tal-Appell ma jaġhtix aċċess sħiħ għad-dokumenti miż-żura mill-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (iktar ‘il quddiem il-“BUR”), li ntalbet sabiex jiġi eż-żerċit id-dritt leġittimu tad-drittijiet tad-difiża, tikkostitwixxi ksur serju tad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba, hekk kif espress permezz tal-aċċess għal dokumenti fl-Artikolu 41(2) tal-Karta u tal-prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju ta’ rispett tad-drittijiet tad-difiża.